KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 65

Il-Ħamsa u sittin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 15 ta' Frar 2017 fis-6.12pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

**ASSENTI B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*65.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*65.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*65.5 Rapporti ;*
*65.6 Servizz tat-Trasport tad-Day Centre;*
*65.7 Approvazzjoni finali tal-Budget 2017 ;*
*65.8 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji tas-sena 2016 ;*
*65.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati ;*
*65.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*65.11 Mozzjonijiet ; u*
*65.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 65.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

65.1 Ma kien hemm ebda ittra.

## 65.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

65.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni.

65.2.2 Permezz ta' *e-mail,* minħabba li kien se jattendi aktar tard, il-Kunsillier P. Radmilli talab li ssir korrezjoni dwar 63.3.1 u 63.6.5 u zdiedu dawn il-punti kif ġejjin:

65.2.3 64.2.4 Il-Kunsillier P. Radmilli ressaq korrezzjoni f'punt 63.3.1 li trid tizdied il-frazi 'li x-xogħol dwar is-siġar fi Triq Dingli jrid isir mis-*surveyor* u l-Kunsilliera inkarigati min dan il-proġett iridu jiltaqgħu mas-*surveryor* qabel ma jsir ix-xogħol mis-*surveyor*. Il-Kunsill qabel.

65.2.4 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 63.6.5 u qal li l-Kunsill kien iddeċieda li jinħareġ tender għas-servizzi ta' *planner*.

65.2.5 Punt 64.2.4 fejn saret l-approvazzjoni tal-minuti ġie kkoreġut għal punt 64.2.6.

*Il-Kunsillier J. Pillow daħal għas-seduta fis-18.19*

65.2.6 F'punt 64.4.10 is-suġġett irid jinqara 'Proġett *carpark* tal-Kunsill'

65.2.7 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif emendati. Il-Viċi-Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera *Approvazzjoni tal-minuti 64_24/01/2017*

prezenti.

## 65.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

65.3.1 Is-Sindku irrefera għall-punt 63.3.1 dwar tħawwil ta' siġar fi Triq Dingli. Is-Sindku informa li ser ssir laqgħa mas-*surveyor* il-ġimgħa d-dieħla. *Siġar – Triq Dingli*

65.3.2 Is-Sindku irrefera għall-punt 64.3.2 dwar l-*outdoor gym* u informa li għad m'għadniex data għall-ftuħ uffiċċjali. Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret dwar il-ftuħ għall-Berġa u l-istess għad m'hemmx data. *Outdoor gym/Berga*

65.3.3 Dwar punt 64.3.3 dwar it-tender tad-dawl tat-toroq, is-Sindku informa li ltaqa mal-Kunsilli konċernati, Swieqi, San Giljan u San Gwann. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsilli ser jieħdu parir ta' avukat sabiex jidħlu fi sħab għal-ħruġ ta' dan it-tender. Il-Kunsill irid jimxi mal-proċeduri tad-dipartiment tal-kuntratti mbgħad jista jibda jfassal it-tender. Il-Kunsilli konċernati jridu jiffirmaw *cooperation agreement* biex jinħareġ tender konġunt. Kien hemm qbil dwar dan. *Tender tad-dawl*

65.3.4 Dwar punt 64.3.4 dwar il-kiri ta' garaxx għal *store*, is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-avukat tal-Kunsill qiegħed jiffinalizza l-kuntratt qabel ma jiġi ffirmat. Is-SE informa li dan se jkun għal sentejn u eventwalment jirrifondi l-flus tal-bieb tal-garaxx li jkun inxtara mill-Kunsill. Jew inkella, isir għal erbgħa snin għall-istess rata, u b'hekk jiġi *expensed out* il-bieb tal-garaxx. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa jekk jistax ikun għal sentejn u jiġġedded għal sentejn oħra bl-istess rata. Kien hemm qbil dwar dan u l-Kunsill għandu jiċċekkja mas-sid u f'kaz ta' qbil isir il-kuntratt. Kiri ta' garaxx

65.3.5 Dwar punt 64.3.5 dwar ir-rampa ta' fejn il-kazin ta' San Girgor, is-SE informa li kiteb lis-CPRD u qegħdin jaraw jekk il-perit tagħhom immurx *on site* sabiex jgħamel *inspection* dwar jekk ir-rampa hix konformi mal-*guidelines*. *Rampa – San Girgor*

Is-Sindku informa dwar l-ilmenti li l-Kunsill irċieva mir-residenti dwar il-Club li kien miftuħ bla permess. Il-kumitat tal-Kunsill fil-qasam tal-applikazzjonijiet tal-izvilupp bgħat e-mail lill-PA rigward numru ta' irregolarijiet u ma ntlaqtietx b'mod tajjeb mir-rapprezentanti tas-Socjeta San Girgor. Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jiltaqa mal-kumitat ta' San Girgor fejn jiġu diskussi dawn il-materji.

Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera prezenti. Is-SE għandu jibgħat ittra uffiċċjali lil-kumitat tas-Socjeta San Girgor sabiex issir din il-laqgħa mal-Kunsill kollhu.

65.3.6 Fir-rigward ta' postijiet abbandunati is-SE informa li fi Triq il-Ħnejja inbena ħajt u issa tneħħa u qegħdin jipparkjaw zewġ muturi. Il-Kunsilliera M. Aquilina infurmat li kull meta jkun hemm *bulky* dejjem jintefgħu f'dan il-post. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet ukoll li fi Triq San'Enriku ma' Camenzuli fejn il-Kunsill kien għalaq xorta għad hemm ġrieden u l-ħmieġ li kien hemm qabel ma tneħħiex. Is-SE qal li l-Kunsill irraporta lill-Pulizija, lis-Sanita kif ukoll lil PA biex jagħmlu kuntatt mas-sid. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw saqsiet jistax jitnaddaf. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lis-CSD biex jitnaddaf u jerġa jingħalaq mill-ewwel. *Postijiet abbandunati*

*Daħal il-Kunsillier M. Briguglio fis-18.36*

65.3.7 Dwar l-iskema 'Irrestawra Darek' is-Sindku informa li l-Kunsill għandu ftit aktar informazzjoni. L-iskema taqa taħt postijiet li huma fl-*Urban Conservation Area* (UCA). Il-pensjonanti, romol u persuni b'dizabilita jistgħu jgħaddu l-applikazzjoni lill-Kunsill, il-Kunsill jiċċekkja li jaqgħu taħt din l-iskema, jagħmel timbru u jibgħat l-applikazzjoni lil PA. Il-perit xorta irid jitħallas mill-applikant u f'kaz li l-applikazzjoni tkun aċċettata, l-ispiza tal-perit flimkien ma spejjez l-oħra jiġu rifonduti mil-PA. *Skema - Irrestawra Darek*

65.3.8 Is-Sindku informa li x-xogħol għall-manutenzjoni ġie ordnat. *Manutenzjoni tat-taraġ – Fond Ghadir*

65.3.9 Is-Sindku informa dwar il-permessi li jingħataw mill-PA ta' imwejjed u siġġijiet, il-Kunsill talab għall-laqgħa mal-MP Deborah Schembri dwar problemi ta' parkeġġ u perikli li qegħdin joħolqu dawn il-permessi. L-onorevoli wieġbet u infurmat li se tkun qegħda tikkordina laqgħa ma' min fassal il-*policy* u se tistieden lill-Kunsill biex ikun prezenti. *Permessi ta' imwejjed u siġġijiet li qegħdin jingħataw mil-PA*

65.3.10 Is-Sindku informa li l-bankijiet se jitressqu din il-ġimgħa minħabba l-*bicycle stands*. Is-Sindku fakkar ukoll li għalkemm se jkun hemm l-*istand* mhux permessibbli li jsuqu fuq il-*promenade*. *Bicycle stands*

65.3.11 Dwar il-kampanja 'Tas-Sliema Bla Skart' is-Sindku qal li l-Kunsill irid jara kif se tiġi organizzata u fakkar li kemm jista jkun, ikun *Kampanja 'Tas-Sliema Bla Skart'*

involut kulħadd. Is-Sindku qal ukoll li qiegħed jerġa jkollu diversi ilmenti dwar il-ħmieġ tal-ħamiem u jekk il-Kunsill irid ikompli bil-proċess li kien beda jeħtieġ li jkun hemm aktar presenza tal-Kunsilliera. Is-SE informa li l-Kunsill se jkun qiegħed jiltaqa mar-rapprezentanti tal-ħwienet ta' Triq Bisazza li se jsir *cooperation agreement* dwar il-manutenzjoni tat-triq. Is-SE qal issuġġerixxa li tista tiġi diskussa wkoll il-problema tal-ħamiem għaliex qegħdin iħammġu l-faċċati ta' dik l-istess triq.

65.3.12 Dwar il-proposta biex jinġiebu fondi għall-vettura gdida tal-Kunsill li taħdem bl-elettriku, is-SE irrefera għall-iskema tal-Gvern u qal jista jingħata *rebate* ta' Ewro 8000 fuq it-taxxa. Is-SE ġibed l-attenzjoni li l-vettura tiġi tiswa madwar Ewro 25,000. Is-SE qal li l-Kunsill irid jara l-prijoritajiet għaliex l-ammont huwa sostanzjali. Ġie nnotat ukoll li diġa f'Tas-Sliema hija problema biex jipparkjaw il-vann biex ikun jista jsir ix-xogħol meħtieġ, u jekk il-vann jinxtara ikbar il-problema tizdied. Il-Kunsill għandu jara dwar dan u tittieħed deċizjoni darb'oħra. Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li meta jkun se jsir xi xogħol tal-Kunsill jitpoġġew sinjali ta' 'No Parking' minn ġurnata qabel, biex ix-xogħol isir aħjar mingħajr il-vetturi. *Vettura ġdida tal-Kunsill*

65.3.13 Dwar *l-ash trays* li l-kumpanija ta' *Yellow Pages* se jkunu qegħdin jipprovdu fi Pjazza Sant'Anna u Triq Bisazza, ġew immarkarti l-*points* u se jitwaħħlu. *Ash trays*

65.3.14 Il-Kunsill informa li l-laqgħa ma SOS Malta saret. Il-Kunsill ġie infurmat li din hija skema u se tiġi organizzata b'mod volontarju minn SOS. Se jkunu qegħdin jinxtraw *mobility wheelchairs* u li jkunu jistgħu jintuzaw minn residenti Slimizi. Dawn se jkunu qegħdin jinzammu l-Capua u se jkun qiegħed jiġi organizzat trasport f'Tas-Sliema stess. Dan huwa proġett pilota li se jibda f'Tas-Sliema u kollox se jkun organizzat minn SOS Malta. Se jkunu qegħdin jinvolvu negozjanti li lesti li jgħinu f'dan il-proġett. Is-SE informa li t-Transport Malta qegħda toffri skema li se ssir permezz ta' kompetizzjoni li se tkun miftuħa f'April 2017. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa u jinkludi dan il-proġett bħala li l-Kunsill jaqbel li jkun hemm aktar mobilita' għall-anzjani f'Tas-Sliema. *SOS Malta*

*Daħal il-Kunsillier D. Muscat fis-19.02*

## 65.4 TWEGIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

65.4.1 Ma kienx hemm aktar tweġibiet.

## 65.5 RAPPORTI

65.5.1 Kien hemm qbil li jiġu diskussi rapporti aktar tard.

## 65.6 SERVIZZ TAT-TRASPORT TAD-DAY CENTRE

65.6.1 Il-Kunsill ġie infurmat li dan iċ-centru qiegħed jiġi frekwentat minn cittadini mhux min Tas-Sliema. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li qegħdin jonqsu r-residenti li jmorru id-*Day Centre* u li hemm bzonn li jsiru xi attivitajiet biex jiġu attirati aktar residenti Slimizi. Problema oħra hija t-trasport, li mhux kulħadd ikun jista jasal għad-Day Centre. Il-Kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li l-Kunsill jista jagħmel uzu ta' *social media* biex isiru jafu aktar b'dan ic-Centru, issuġerrixxa wkoll li jistgħu jsiru xi *talks*. Il-Kunsillier J.Pillow qal jistgħux isiru minnu minn NGO'S.

65.6.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li hemm bzonn li l-Kunsill jgħin kemm jista, għalkemm taħseb li l-Gvern Centrali għandu jħallas għat-trasport. Is-Sindku issuġġerixxa li sakemm tiġi approvata min-naħa tal-Gvern, il-Kunsill iħallas għal dan is-servizz għaliex jippreferi ma tintilifx sena oħra.

*L-Kunsilliera P. Portelli u l-Viċi Sindku ġew skuzati mis-seduta fis-19.09*

65.6.2 Is-Sindku kompla jgħid li t-trasport kellu jitwaqqaf mid-Dipartiment tal-Anzjani għaliex ir-rati bdew jogħlew u ma setgħux ikomplu bis-servizz. Is-SE issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob rifuzzjoni tal-ispejjes lid-Dipartiment. Kien hemm qbil dwar dan. Sadanittant il-Kunsill ser iħallas għas-servizz tat-trasport għad-Day Centre bl-istima li ġiet prezentata ta' madwar Ewro 4500 fis-sena.

## 65.5 RAPPORTI

65.5.1 Is-Sindku informa li l-kumitat tat-traffiku għamel zmien ma ltaqax għaliex ma kienx qiegħed ikun hemm rapprezentazzjoni mill-awtoritajiet. *Kumitat tat-traffiku*

*Daħlu lura l-Kunsillier P. Portelli u l-Viċi Sindku K. Busietta fis-19.14*

65.5.2 Is-Sindku qal li l-kumitat se jerġa jibda jiltaqa u r-raprezzentant mit-TM se jkun is-Sur D. Vella.

65.5.3 Il-Vici Sindku fakkar li xhur ilu l-Kunsill kien approva li jsiru *zebra crossings*. Is-SE informa li uffiċċjalment il-Kunsill għadu ma rċeviex li huma approvati. Il-Kunsill għandu jerġa jikteb lit TM u jfakkar fuq diversi talbiet oħra li għadhom ma ġewx approvati. *Zebra Crossings*

65.5.4 Is-Sindku tkellem dwar il-proposta mir-residenti li kien hemm għall-aċċessibilita permezz ta' taraġ fi Triq Parisio. Il-Kunsill wera x-xewqa tar-residenti li jkun hemm aċċessibilta. PA riedu jiltaqgħu għall-alternattivi aħjar li jkun hemm *flow* għall-ilma u aċċessibilta. Is-Sindku qal li jixtieq li l-Kunsill ikun involut meta joħorġu l-pjanti, Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-Kunsill irid ikun *registered objector* biex jirċievi l-informazzjoni. Is-SE bgħat korrispondenza dak il-ħin stess lil PA biex il-Kunsill ikun mar-*registered objectors*.

65.5.4 Is-Sindku informa li l-Kunsill ġie avviċinat minn artisti li se jkunu qegħdin jaħdmu fuq proġett. Dawn ikunu jridu jesponu l-arti tagħhom għand familji li joffru li jilqgħu dawn l-artisti, fejn dawn jistiednu grupp ta' nies biex jaraw l-arti u tibda tinħoloq kultura. Il-Kunsill jaqbel mal-inizjattiva u lest li jagħmel promozzjoni fuq *facebook* izda ma jkunx involut fil-proġett. *Arti fi djar*

*Daħal il-Kunsillier P. Radmilli fis-19.24*

***Is-seduta ġiet sospiza fis-19.27 biex l-accountant tal-Kunsill jagħti prezentazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2016 u Budget 2017***

## 65.7 APPROVAZZJONI FINALI TAL-BUDGET 2017

65.7.1 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li qabel ma jiġi approvat il-*budget* qal li kien ikun aħjar li kieku iltaqa l-Kumitat tal-Finanzi. Is-SE qal li għandu jikkordina laqgħa u jekk jerġa ma jkunx hemm kworum bħal l-aħħar darba ikun irid isir f'data oħra. Sar suġġeriment li l-kumitat jiltaqa qabel kull *quarterly report*. Kien hemm qbil dwar dan. Is-SE informa li għalkemm *budget* jiġi approvat xorta waħda ikun jista jiġi emendat.

65.7.2 Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li kien hemm deċizjoni fit-tindif tat-toroq li fil-perjodu tas-sajf il-knis isir aktar ta' spiss f'uħud mit-toroq. Is-SE informa li se jkun hemm il-proċess tat-tender minħabba li se jiskadi u la darba jkollna l-offerti l-Kunsill ikun jista jagħmel *update* tal-iskeda. Is-SE għandu jibgħat l-iskeda kif inhi bħalissa lill-Kunsilliera prezenti u l-kumitat jiltaqa bi proposti. Wara li jsir qbil

għal skeda ġdida mil-kumitat tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill u eventwalment jinħareġ it-tender.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata fit-20.20 u daħlet lura fit-20.24*

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat mis-seduta fit-20.23 u daħal lura fit-20.26*

65.7.3 Il-Kunsillier D. Muscat talab li l-Kunsill jiċċekkja dwar skema fuq *resurfacing* li informa dwara l-Onor. Stefan Bontempo. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill irid jagħmel ezerċizzju għat-toroq li hemm bzonn li jsiru.

65.7.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal *budget*. Il-kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti.

**65.8 APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI TAS-SENA 2016**

65.8.1 Waqt il-prezentazzjoni tal-*accountant* ġew innotati xi punti:

65.8.2 Il-Kunsill ġie infurmat li għad hemm kaz li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għadhom għad irdu jagħtu flus lill-Kunsill.

65.8.3 Il-Kunsill irnexxielu jrazzan xi spejjez u zied mid-dħul ukoll, kif ukoll kien hemm zieda fl-allokazzjoni.

65.8.4 Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kumpanija Polidano Bros Ltd kittbet lill-Kunsill Lokali sabiex iħallas ħlasijiet pendenti ma din il-kumpanija. IS-SE informa li l-Kunsill wieġeb lill-istess kumpanija tħallas il-pendenzi tagħha mal-Kunsill Lokali, peress li dawn huma dovuti.

65.8.5 Saret korrezzjoni fl-estimi li d-dħul mill-attivita SAF 2016 kien ta' Ewro 11, 000 u mhux Ewro 15000, wara deċizjoni mid-DLG skont kif ġie spjegat f'seduti preċedenti.

65.8.6 Ġie deċiz li l-Kunsill jieħu parir legali, dwar iċ-ċertifikazzjonijiet li għadhom ma ġewx ċertifiikati mil-perit D. Vassallo tal-kuntrattur li ilu jistenna snin biex jitħallas madwar 17,000 ewro.

65.8.7 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjajri 2016. Il-kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti.

***Kien hemm interuzzjoni tal-laqgħa minn rapprezentanti tas-Socjeta' San Girgor fit-20.29.***

***Il-laqgħa giet sospiza. Hin: 20.31***

***Il-laqgħa kompliet. Hin: 21.15***

**65.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI.**

65.9.1 Membri tas-Socjeta San Girgor, waqt l-interruzzjoni tal-laqgħa li ħolqu huma stess bl-għaġir tagħhom, tkellmu dwar raprezentazzjoni li l-Kunsill għamel mal-Awtorita tal-Ipjanar b'mod inġust. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-kwistjoni kienet li infetaħ *Club* bla permess tal-PA. Il-Kunsilliera P. Radmilli u M. Briguglio qalu li huma mhumiex kontra l-kazin għax appoġġ dejjem ingħata għall-kazin. Uħud mill-Kunsilliera qalu li ma jafu b'xejn dwar din ir-raprezentazzjoni li l-Kunsill għamel mal-PA. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Bord hu magħmul mit-tlett partiti u l-Bord kien ikkopjat fl-email li ntbgħatet lill-PA.

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li sa llum stess qabel is-seduta, saret stedina lis-Socjeta San Girgor biex din il-kwistjoni tigi diskussa madwar mejda, u mhux b'dan il-mod li ma kien xejn ċivili.

Il-Kunsill qabel li din l-istedina tintbgħat b'mod formali mis-Segretarju Ezekuttiv lis-Soċjeta San Girgor.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fid-21.15*

*Il-Kunsillier J. Pillow ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fid-21.16*

65.9.2 Is-Sindku irrefera għar-rapport ta' evalwazzjoni tat-tender ta' tabelli u sinjali. Is-Sindku qal li wara li l-kumpanija SignMark Ltd ġew skwalifikati għaliex ma kienux *administrately u technically complia*nt il-kumitat qiegħed jirrakomanda biex jintgħazel Koptasin peress li dawn offrew l-irħas rati fit-tabelli u s-sinjali l-aktar uzati mill-Kunsill ta' Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel. *Tender – Tabelli u Sinali*

65.9.3 Dwar it-tender tal-*accountant*, is-Segretarju Ezekuttiv qal li għadu qed jistenna kjarifika mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Eventwalment, *Tender - Accountant*

il-Kunsill jiġi mgħarraf bir-risposta.

65.9.4 Il-Kunsillier P. Portelli informa li l-attivita SAF tista ma ssirx din is-sena, għaliex il-Kunsill għadu ma jafx jekk hux se tinħareġ l-iskema għall-fondi għall-attivitajiet kulturali u b'hekk il-*festival* ma jistax jiġi ppjanat għaliex is-somma li l-Kunsill normalment jingħata mid-DLG permezz ta' din l-iskema kienet bejn Ewro 11,000 u Ewro 15, 000 li hija somma sostanzjali għan-nefqa li tiswa din l-attivita lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu aktar prijoritajiet u ma jaffordjax iħallas l-ispejjez kollha. *SAF 2017*

65.9.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace fakkret dwar it-tabelli li l-Kunsill kien diġa ddiskuta biex jitwaħħlu f'diversi postijiet f'Tas-Sliema biex tiġi mfakkra kif kienet qabel. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibda billi jwaħħal erba. Dawn jiswew madwar Ewro 300 kull waħda. *Tabelli – Tas-Sliema antika*

65.9.6 Il-Kunsill ġie mfakkar li kienet tressqet proposta dwar tip ta' spray għall-ħmieġ tal-klieb, li għandu jintuza mis-sid il-kelb biex ma jitħammġux it-toroq. Il-Kunsillier D. Muscat issuġġerixxa li tiġi diskussa fil-kumitat għall-kampanja 'Tas-Sliema Bla Skart' u naraw kif din l-idea tista tiġi implimentata. *Kampana – Tas Sliema Bla Skart*

65.9.7 Il-Kunsillier P. Portelli tkellem dwar in-nuqqas ta' koordinazzjoni li qiegħed ikun hemm f'xi toroq minħabba l-makkinarji u għeluq tat-toroq. Irrefera għal kaz partikolari meta kien hemm permess li min-naħa tal-Kunsill ingħata bi presenza ta' gwardjan lokali, il-gwardjan wasal nofs siegħa tard u l-kuntrattur beda jaħdem xorta u kien hemm konġestjoni sħiħa ta' traffiku. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk il-gwardjani tar-rotta jistax ikollhom lista ta' permessi li jinħarġu mill-Kunsill biex jagħmlu sorvelljanza fit-toroq. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li din diġa tingħata lill-gwardjani kuljum mill-uffiċċju. Is-Sindku fakkar li diġa kien sar qbil li l-lista ta' permessi fejn it-triq se tkun magħluqa tibda tittella fuq *facebook*. Kien hemm qbil li ssir b'mod regolari. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega wkoll id-diffikultajiet li l-uffiċċju qiegħed ikollu meta jiġi biex jikkordina uħud mill-permessi fejn ikun hemm bzonn ta' presenza ta' gwardjan lokali minħabba n-nuqqas li hemm u min-naħa l-oħra ma tistax izzomm li tagħti permessi għaliex ma jkunx hemm bizzejjed gwardjani. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lis-Sur Ray Zammit tal-LESA fejn ninfurmawh b'din is-sitwazzjoni li issa ila għaddejja għat tul ta' zmien. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li meta jkollna ilmenti mir-residenti nipprezentaw din l-ittra. *Nuqqas ta' presenza ta' gwardjani lokali taffettwa l-koordinazzjoni fit-toroq*

65.9.8 Il-Kunsilliera V. Galea Pace fakkret fuq il-qbil li jkun hemm tifkira f'ġieħ Tony Nichol. Ll-Kunsilliera V. Galea Pace għandha tikkordina u tinforma lill-Kunsill dak li jkun se jsir. *Tony Nichol*

## 65.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

65.10.1 Il-Kunsillier P. Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier P. Radmilli issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni.

## 65.11 MOZZJONIJIET

65.11.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 65.12 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

65.12.1 Is-seduta intemmet fit-21.45. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 22 ta' Marzu 2017 fis-6pm

Minuti approvati llum 22 ta' Marzu 2017

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |